MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 33/2009

Agius Services Limited

vs

Sant Andrea Discount Supermarket u Peter Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2009, li jghid hekk :

'Ghid inti konvenut il-ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hamsa u erbghin Euro u erbgha u tletin centesimi (€1145.34) rapprezentanti merkanzija kkonsenjata f'Sant Andrea Discount Supermarket, fuq istruzzjonijiet tieghek Peter Azzopardi, flimkien mal-interessi fuq kull konsenja sat-8 ta' Ottubru 2009, skond l-anness dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra tal-25 ta’ Awwissu 2008, u tal-ittra ufficjali datata 14 ta’ Awwissu 2009, ipprezentata taht l-artikolu 166A tal-Kodici Civili (*rectae* Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili), u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa jinsab ingunt.’

Ra li l-konvenut minkejja li gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba fl-4 ta’ Novembru 2009, baqa’ ma dahhal ebda risposta ;

Ra li l-Avukat Dottor Anton Refalo ghall-konvenut fl-udjenza tat-2 ta’ Dicembru 2009, ammetta t-talba attrici, u talab li tinghata sentenza b’dana li s-sentenza ssir esegwibbli wara l-ahhar ta’ Jannar 2010, sa liema zmien il-konvenut bi hsiebu jissalda l-bilanc kollu dovut lis-socjeta’ attrici ;

Ra li l-Avukat Dottor Carmelo Galea ghas-socjeta’ attrici aderixxa ruhhu wkoll mal-verbali tal-udjenza tal-25 ta’ Novembru 2009 u tat-2 ta’ Dicembru 2009 ;

Ra li s-socjeta’ attrici rriduciet t-talba taghha ghal erbgha mija u wiehed u erbghin Euro (€441) wara li l-konvenut ghamel pagament fil-mori ta’ din il-kawza ;

Ra’ l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti ;

Wara li ra l-artikolu 9(2)(a) tal-Kap.380 ;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tat-talba attrici, dan it-Tribunal iqis it-talba attrici bhala gustifikata u timmerita li tigi milqugha ghall-ammont ta’ erbgha mija u wiehed u erbghin Euro (€441) ;

Ghaldaqstant jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ t-talba attrici ghall-ammont bilancjali ta’ erbgha mija u wiehed u erbghin Euro (€441), u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Peter Azzopardi sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha mija u wiehed u erbghin Euro (€441) ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, b’dan illi din is-sentenza ghandha ssir esegwibbli fl-1 ta’ Frar 2010, bl-mghax li ghandu jibda jiddekorri skond il-ligi fuq il-bilanc li

jkun ghadu ma giex saldat b'effett minn dik id-data sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez ta' din l-kawza kontra l-konvenut Peter Azzopardi, inkluzi dawk tad-dritt tar-registru ghall-prezenata tal-ittra ufficjali numru 563/2009 tal-14 ta' Awwissu 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------